MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Talba Numru. 33/2006

Vodafone Malta Limited C-10865

vs

Jason Zammit

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta’ attrici li jghid hekk :

“Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ tliet mija tnejn u hamsin Lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm352.35) in konnessjoni ma’ mobile phone bin-numru 99452695.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data ta’ meta l-ammont

pretiz kien sar dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni."

Ra li l-konvenut gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fid-9 ta' Awwissu 2006, u baqa' ma dahhal ebda risposta, u lanqas ma deher personalment ghall-udjenzi tal-10 ta' Novembru 2006, 24 ta' Jannar 2007, 16 ta' Frar 2007, 27 ta' Frar 2007, u tal-15 ta' Marzu 2007.

Sema' lill-Avukat Dottor Georgina Scicluna Bajada ghall-kumpanija Vodafone Malta Limited, bil-gurament fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2006, li spjegat u kkonfermat li l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba huwa dovut lis-socjeta' attrici mill-konvenut, u li baqa' ma giex saldat.

Ra d-dokumenti kollha esibiti u li gew innotifikati wkoll lill-konvenut fit-28 ta' Frar 2007.

Ikkunsidra li t-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita konferma.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta'  tliet mija tnejn u hamsin lira Maltin u hamsa u tletin centesimi (Lm352.35,0) skond l-avviz tat-talba u ghall-istess ragunijiet hemm imsemmija, bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data ta' meta gew rezi s-servizzi msemmija sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha konnessi mat-talba tas-socjeta' attrici u tal-mandat ta' sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mal-avviz tat-talba, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------